



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 157/20**  
il-Lussemburgu, 9 ta' Diċembru 2020

Sentenza fil-Kawża C-132/19 P  
Groupe Canali + vs Il-Kummissjoni

## **Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel vinkolanti l-impenji offruti minn impriża biex tiġi ppreżervata l-kompetizzjoni fis-swieq**

*Il-possibbiltà għall-partijiet kontraenti ta' impriża li jkunu impenjaw ruħhom li ma josservawx ċerti klawżoli kuntrattwali biex il-qorti nazzjonali tiġi adita ma hijiex ta' natura li tirrimedja l-effetti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel vinkolanti dawn l-impenji fuq id-drittijiet kuntrattwali ta' dawn il-partijiet kontraenti*

Paramount Pictures International Ltd u l-kumpannija omm tagħha, Viacom Inc., (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, "Paramount") ikkonkludew max-xandara prinċipali ta' kontenut bi fhas tal-Unjoni Ewropea, fosthom Sky UK Ltd u Sky plc (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, "Sky") kif ukoll Groupe Canal + SA (iktar 'il quddiem "Groupe Canal +"), ftehim ta' liċenzja dwar kontenut awdjoviżiv.

Fit-13 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni Ewropea fetthet investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' restrizzjonijiet li jippreġudikaw il-provvista ta' servizzi televiżivi bi fhas fil-kuntest tal-ftehimiet ta' liċenzja inkwistjoni, bil-għan li tevalwa l-kompatibbiltà tagħhom mal-Artikolu 101 TFUE u mal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"). Fit-23 ta' Lulju 2015, din l-investigazzjoni wasslitha tibgħat lil Paramount dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet dwar ċerti klawżoli li jinsabu fil-ftehimiet ta' liċenzja li hija kienet ikkonkludiet ma' Sky. F'dan il-każ, dawn huma żewġ klawżoli konnessi fejn l-ewwel waħda kienet intiża li teskludi jew tillimita l-possibbiltà għal Sky li twieġeb b'mod pożittiv għal talbiet mhux issolleċitati minn konsumaturi residenti fiż-ŻEE, iżda barra mir-Renju Unit u mill-Irlanda, bil-għan li jiġu pprovduti servizzi ta' distribuzzjoni televiżiva, filwaqt li t-tieni waħda kienet timponi fuq Paramount li ddaħħal klawżola fil-ftehim li hija kienet tikkonkludi max-xandara stabbiliti fiż-ŻEE, iżda barra mir-Renju Unit, li tinvolvi projbizzjoni analoga għal dawn ix-xandara fir-rigward ta' tali talbiet minn konsumaturi residenti fir-Renju Unit jew fl-Irlanda. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset li l-ftehimiet, li jwasslu, permezz ta' tali klawżoli, għal esklużività territorjali assoluta, setgħu jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan", fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, sa fejn kienu jikkostitwixxu mill-ġdid il-kompartimentalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali u jmorru kontra l-għan tat-Trattat li jiġi stabbilit suq uniku. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni kkomunikat din l-evalwazzjoni, kif ukoll konklużjoni preliminari, lil Groupe Canal + fil-kapaċità tagħha ta' terz ikkonċernat.

Min-naħa tagħha, Paramount offriet impenji sabiex tindirizza t-tfassib espost mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija ddikjarat li lesta, b'mod partikolari, li ma tibqax tosserva u lanqas taġixxi sabiex jiġu osservati l-klawżoli li jwasslu għal protezzjoni territorjali assoluta tax-xandara, li jinsabu fil-ftehimiet ta' liċenzja konklużi bejn Paramount u dawn tal-aħħar.

Wara li ġabret osservazzjonijiet min-naħa ta' terzi oħra kkonċernati, fosthom Groupe Canal +, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2016<sup>1</sup> (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") aċċettat u għamlet vinkolanti l-impenji offruti, skont kif previst mill-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003<sup>2</sup>. Għalhekk Paramount ikkomunikat lil Groupe Canal + il-portata tal-

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-26 ta' Lulju 2016 li tirrigwarda proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ AT.40023 – Aċċess transkonfinali għal televiżjoni bi fhas).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

impenji magħmula vinkolanti u l-implikazzjonijiet tagħhom, f'dan il-każ l-intenzjoni tagħha li ma tħarix iktar l-osservanza tal-esklużività territorjali assoluta mogħtija lil din tal-aħħar fis-suq Franċiż. Peress li qieset li tali impenji, meħuda fil-kuntest ta' proċedura li tinvolvi biss lill-Kummissjoni u lil Paramount, ma jistgħux jiġu invokati kontriha, Groupe Canal + ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, li ġie miċħud permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018<sup>3</sup>. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tikkonstata li l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali tan-natura proporzjonata tal-preġudizzju għall-interessi ta' terzi li rriżulta mid-deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi. Konsegwentement, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appell ippreżentat minn Groupe Canal +, hija tannulla s-sentenza appellata, kif ukoll, billi taqta' l-kawża definittivament, id-deċiżjoni kontenzjuża. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti spjegazzjonijiet ġodda dwar l-artikolazzjoni tal-prerogattivi rispettivi tal-Kummissjoni u tal-qrati nazzjonali fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet il-motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, li kien intiż, essenzjalment, biex juri li l-Kummissjoni evitat, billi adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, il-proċess leġiżlattiv li jirrigwarda l-kwistjoni tal-imblukkar ġeografiku. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tapprova b'mod partikolari l-fatt li l-Qorti Ġenerali rrilevat li, sakemm il-proċess leġiżlattiv li jirrigwarda l-kwistjoni tal-imblukkar ġeografiku ma jkunx wassal għall-adozzjoni ta' test leġiżlattiv, dan il-proċess huwa bla ħsara għas-setgħat li għandha l-Kummissjoni bis-saħħa tal-Artikolu 101 TFUE u tar-Regolament Nru 1/2003. Issa, f'dan il-każ, huwa paċifiku li d-deċiżjoni kontenzjuża ġiet adottata bis-saħħa ta' tali setgħat, qabel il-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv inkwistjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li huwa ukoll għal raġunijiet suffiċjenti u esklużi minn kull żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti ta' Groupe Canal + intiżi li juru l-legalità tal-klawżoli rilevanti fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE u, għaldaqstant, l-assenza ta' bażi tat-tħassib li wassal għad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, sa fejn il-ftehimiet ta' liċenzja inkwistjoni kienu jinkludu klawżoli li kienu intiżi li jeliminaw il-provvista transkonfinali tas-servizzi ta' xandir tal-kontenut awdjoviżiv ikkonċernat u kienu jagħtu, għal dan il-għan, lix-xandara protezzjoni territorjali assoluta ggarantita minn obbligi reċiproċi, il-Qorti Ġenerali setgħet validament tikkonstata li tali klawżoli huma, bla ħsara għal deċiżjoni eventwali li tikkonstata definittivament l-eżistenza jew l-assenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE wara eżami fil-fond, ta' natura li jqajmu, għall-Kummissjoni, tħassib fil-qasam tal-kompetizzjoni. F'din l-istess perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza n-natura preliminari tal-evalwazzjoni tan-natura antikompetittiva tal-aġir inkwistjoni fil-kuntest ta' deċiżjoni adottata bis-saħħa tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003. Konsegwentement, huwa wkoll ġustament li l-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 101(3) TFUE japplika biss jekk ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jkun ġie kkonstatat minn qabel, sabiex tiddeduċi minn dan li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità ta' tali deċiżjoni, hija ma kellhiex l-obbligu li tagħti deċiżjoni dwar ilmenti bbażati fuq kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tapprova l-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset li l-klawżoli rilevanti setgħu validament jagħtu lok għal tħassib lill-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni fir-rigward taż-ŻEE kollha, mingħajr ma tkun suġġetta għall-obbligu li tanalizza wieħed wieħed is-swieq nazzjonali kkonċernati. Fil-fatt, sa fejn il-klawżoli rilevanti kellhom l-intenzjoni jikkompartimentalizzaw is-swieq nazzjonali, il-Qorti Ġenerali ġustament fakkret li tali ftehimiet jistgħu jkun ta' natura li jqiegħdu fil-perikolu l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku, b'mod li b'hekk jiġi mfixxek wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Unjoni, indipendentement mis-sitwazzjoni prevalenti fis-swieq nazzjonali.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-ilment ibbażat fuq ksur ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fl-evalwazzjoni tagħha tal-effett tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq id-drittijiet kuntrattwali ta' terzi, bħal Groupe Canal +. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabel kollox, li, fil-kuntest tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni hija mitluba tivverifika l-impenji offruti mhux biss mill-

<sup>3</sup> Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018, Groupe Canal + vs Il-Kummissjoni T-873/16.

perspettiva tal-adegwatezza tagħhom li jagħmlu tajjeb għat-tħassib tagħha fil-qasam tal-kompetizzjoni, iżda wkoll fir-rigward tal-effett tagħhom fuq l-interess ta' terzi, b'mod li d-drittijiet ta' dawn tal-aħħar ma jtilfux is-sustanza tagħhom. Issa, kif wara kolloxx osservat il-Qorti Ġenerali nnifisha, il-fatt li l-Kummissjoni tagħmel vinkolanti l-impenn ta' operatur li jikkonsisti f'li ma jiġux applikati ċerti klawżoli kuntrattwali fir-rigward tal-parti kontraenti tiegħu, bħal Groupe Canal +, li kellha biss il-kwalità ta' terz ikkonċernat, filwaqt li din il-parti kontraenti ma tatx il-kunsens tagħha għal dan, jikkostitwixxi ndħil fil-libertà kuntrattwali tal-imsemmija parti kontraenti li jmur lil hinn mill-previżjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tirreferi lil tali partijiet kontraenti lill-qrati nazzjonali sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet kuntrattwali tagħhom mingħajr ma tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1/2003, li jipprojbixxu lil dawn il-qrati milli jadottaw deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Fil-fatt, deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tobbliga lil operatur jikser l-impenji tiegħu magħmula vinkolanti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni tmur manifestament kontra din tal-aħħar. Barra minn hekk, peress li t-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1/2003 titlob lill-qrati nazzjonali jevitaw li jagħtu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni prevista mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 101 TFUE, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi billi ddeċidiet li qorti nazzjonali tista' tiddikjara l-klawżoli rilevanti konformi mal-Artikolu 101 TFUE, minkejja li l-Kummissjoni tkun għadha tista', bis-saħħa tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 1/2003, tiftaħ mill-ġdid il-proċedura u, kif kienet ipprevediet inizjalment, tadotta deċiżjoni li tinkludi kontestazzjoni formali tal-ksur.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura proporzjonata tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-preġudizzju għall-interessi ta' terzi b'mod li hemm lok li din tiġi annullata.**

Peress li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, fl-aħħar nett, il-motiv ta' annullament ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Filwaqt li tislet il-konsegwenzi tal-motivi li jiġġustifikaw l-annullament tas-sentenza appellata, **il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva n-natura essenzjali, fl-istruttura tal-ftehimiet ta' liċenzja inkwistjoni, tal-obbligi intiżi li jiżguraw l-esklużività territorjali mogħtija lix-xandara, li jiġu affettwati mill-impenji magħmula vinkolanti mid-deċiżjoni kontenzjuża.** Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-konklużjoni li, **billi adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni neħħiet mis-sustanza tagħhom id-drittijiet kuntrattwali ta' terzi, fosthom dawk ta' Groupe Canal +, fir-rigward ta' Paramount, u b'hekk marret kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, b'tali mod li hemm lok li d-deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata.**

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*[It-test](#) sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*